QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 5 T' APRIL 2002

Avviz Nru 148/02DM

Lucy Ann Agius

vs

Joseph Cutajar u Raymond Pace

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas u rifuzzjoni tas-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) oltre l-imghax legali mill-21 ta' Awissu 2001 u dan skond konvenju datat 21 ta' Gunju 2001 anness mal-avviz u mmarkat bhala Dokument A li skada 21 t'Awissu 2001.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-28 ta' Jannar 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-llum fejn il-partijiet qablu illi l-ammont dovut mill-konvenuti ghandhu jigi ridott ghas-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000).

Rat illi l-attrici permezz ta' nota irriduciet is-sorte ghas-somma miftehma ta erbat elef liri Maltin (Lm4000) kif ukoll li l-kontendenti qablu illi l-Qorti ghandha taghti sentenza f'dan is-sens, b'dan illi s-sentenza ghandha tkun ezegwibbli biss wara l-1 ta' Jannar 2003 u illi l-ispejjez tal-kawza jibqu bla taxxa.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-attrici is-somma ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) ghar-ragunijiet elenkati fl-avviz b'dan illi din is-sentenza ghandha issir esegwibbli wara l-1 ta' Jannar tas-sena 2003;

Bl-ispejjez jibqu bla taxxa.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ38